

Brussell, 17 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9771/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0117(NLE)

SCH-EVAL 88
FRONT 198
COMIX 323

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9100/20
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas- Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fis-16 ta' Lulju 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-iskop ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lis-Slovenja biex tindirizza n-nuqqasijiet li ġew identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni mwettqa fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 11, ġie adottat rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Fid-diviżjoni tal-pulizija tal-fruntiera, twaqqfet Unità Speċjalizzata għall-Kontroll fuq il-Fruntiera tal-Istat biex issaħħaħ l-operazzjonijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u marbuta mal-immigrazzjoni bħall-kontroll intern ta' barranin u l-għieda kontra l-kriminalità transfruntiera. L-unità, li topera madwar il-pajjiż kollu u li hija mgħammra bi flessibilità operazzjonali wiesgħa, tappoġġa l-unitajiet kollha ta' kontroll fuq il-fruntiera reġjonali u lokali. Hija ssaħħaħ il-kapaċità ta' reazzjoni f'każijiet ta' bidliet mhux mistennija tas-sitwazzjoni fil-fruntieri jew ta' ħtiġijiet operazzjonali immedjati. Il-kapaċitajiet ta' din l-unità jistgħu jintużaw matul operazzjonijiet ta' kontroll regolari fuq il-fruntieri, abbażi ta' intelligence u analiżi tar-riskju. Minn perspettiva operazzjonali, l-attivitajiet tal-unità jistgħu jitqiesu wkoll element ta' kontroll tal-kwalità tal-attivitajiet imwettqa fil-fruntiera, u jtejbu r-riżultat finali tal-miżuri ta' kontroll fuq il-fruntiera. L-attivitajiet tal-unità speċjali jagħtu appoġġ addizzjonali lill-miżuri interni ta' kumpens, li jirriflettu l-mudell ta' aċċess b'erba' livelli għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.
- (3) Barra minn hekk, it-tim ta' fuq il-post iqis li l-użu mifruq osservat ta' tagħmir mobbli għal kontrolli ma' bażijiet tad-data fil-punti ta' qsim tal-fruntiera fuq l-art, li saret żjara lilhom, fil-kontrolli tad-dħul u tal-ħruġ tal-ewwel linja jirrappreżenta punt ta' interess partikolari. It-tagħmir, terminal li jista' jinġarr, jippermetti li jsiru tfittxijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-FIO (intranet b'bażi tad-data nazzjonali) u l-bażijiet tad-data tal-Interpol. Jipprovdi qarrejja ta' dokumenti u ta' marki tas-swaba' mgħammra b'apparat li jtejjeb is-sigurtà u l-kapaċitajiet ta' analiżi. Meta titqies il-faċilità tal-ġarr tat-tagħmir, li jinkorpora konnettività mobbli u sigura man-network WiFi tal-4G, il-Pulizija Slovena tista' tgħaqqad f'tagħmir wieħed li jista' jinġarr operazzjonijiet ta' qari u kontroll ta' passaporti elettroniċi flimkien ma' element li jippermetti l-aċċess għad-data bijometrika.
- (4) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari l-ġestjoni integrata tal-fruntieri, l-analiżi tar-riskji, l-għadd ta' persunal, NCC/Eurosur, is-sorveljanza tal-fruntieri u l-verifiki fuq il-fruntiera, għandha tingħata prijorità lir-rakkomandazzjonijiet: 1 sa 4, 7 sa 14, 17, 20 u 25 sa 27.

- (5) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien tliet xhur minn meta tiġi adottata, is-Slovenja, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li s-Slovenja għandha:

Strateġija integrata għall-ġestjoni tal-fruntieri

1. tkompli tiżviluppa l-istrateġija nazzjonali integrata Slovena ta' ġestjoni tal-fruntieri, appoġġata minn pjan ta' azzjoni pluriennali, f'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u r-riżultati kkonsolidati tal-proċess tal-istrateġija ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. Tallinja l-istrateġija nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-Istrateġija Teknika u Operazzjonali mħejjija mill-Aġenzija;

Riżorsi umani u professjonaliżmu

2. tkompli bl-isforzi mibdija biex tgħolli jew għall-inqas tistabbilizza l-livelli effettivi tal-persunal fid-Diviżjoni tal-Pulizija tal-Fruntiera u hekk imsejħa "Pożizzjonijiet ta' Schengen" oħrajn mal-Pulizija Slovena sabiex tiżgura l-kontroll u s-sorveljanza fuq il-fruntieri f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen;
3. tirrevedi l-ippjanar strateġiku nazzjonali tar-riżorsi umani, b'mod partikolari għall-kontroll fuq il-fruntieri, skont il-ħtiġijiet operazzjonali, il-flussi tat-traffiku, l-analiżi tar-riskji u l-livelli ta' theddid;

Analiżi tar-Riskji

4. tiżgura li l-pulizija Slovena tipprovdi biżżejjed persunal għall-funzjonijiet tal-analiżi tar-riskju marbuta mal-kontroll fuq il-fruntieri fuq livell nazzjonali u reġjonali;

Mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità

5. tadatta l-mekkaniżmu nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità biex iħaddan il-kunċett sħiħ ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. Tallinja dan il-mekkaniżmu mal-mekkaniżmi Ewropej tal-kontroll tal-kwalità, u b'hekk tiżgura koordinazzjoni sħiħa mal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u l-proċessi ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà;

Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni/Eurosur

6. tiżgura li l-uffiċjali kollha li jwettqu kompiti fi ħdan iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni jkunu mħarrġa kif xieraq, inkluż fil-ħiliet tal-lingwa Ingliża;
7. tiżgura li l-operaturi kollha fiċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali Sloven ikollhom aċċess għal stampa sħiħa tas-sitwazzjoni, inklużi il-pożizzjonijiet f'ħin reali tal-assi tal-pulizija, u tiżgura skambju ta' data maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali Kroati u Taljani;
8. tigarantixxi u żżomm il-funzjonalità sħiħa għal 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali Sloven, kif meħtieġ skont l-Artikolu 21(7) tar-Regolament 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;
9. tistabilixxi saffi operazzjonali u analitiċi kompluti fis-sistema nazzjonali tal-EUROSUR skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;

Sorveljanza tal-fruntieri tal-art

10. tiżgura użu sistematiku u kontinwu tat-tagħmir disponibbli għas-sorveljanza tal-fruntieri, pereżempju billi tipprovdi proċeduri effiċjenti ta' manutenzjoni;
11. iżżid id-disponibbiltà ta' vetturi xierqa għall-pattulji ta' sorveljanza tal-fruntiera, kemm għall-użu fuq art imħarbta kif ukoll għal pattulji interni;

12. iżżid l-għadd ta' unitajiet tal-klieb speċjalizzati għall-kontroll fuq il-fruntieri u tinkludi l-użu sistematiku tal-unitajiet tal-klieb waqt pattulji u verifiki fuq il-fruntiera;
13. tlesti l-akkwist li għaddej ta' 60 apparat tekniku li jista' jinġarr u tkompli tuża dan it-tip ta' tagħmir għas-sorveljanza tal-fruntieri u tqassmu fil-livell lokali, inkluż lill-Unità ta' Sorveljanza tal-Fruntiera ta' Podlechnik;
14. tidentifika soluzzjonijiet fattibbli biex tiżgura kopertura suffiċjenti tan-networks meħtieġa għall-komunikazzjoni bil-vuċi u għat-trasferiment ta' data ta' sorveljanza sabiex jinħoloq u jinżamm l-għarfien tas-sitwazzjoni fil-livell lokali;

Sorveljanza fil-fruntieri tal-baħar

15. tiżgura li l-attivitajiet fuq il-fruntiera tal-baħar ikunu bbażati sistematikament fuq indikaturi tar-riskju u analiżi tar-riskju li jkunu ċari;

Verifiki fuq il-fruntiera – fruntieri tal-art

16. tiżgura li l-uffiċjali kollha jkunu familjari mad-drittijiet tal-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-UE inkluż id-dritt li jiksbu l-viża meħtieġa mingħajr ħlas u, mingħajr dewmien, fil-fruntiera kif jirriżulta mill-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/38/KE;
17. tiżgura li verifiki bir-reqqa fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettqu dejjem skont l-Artikolu 8 tar-Regolament 2016/399 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) b'attenzjoni speċjali għall-interrogazzjoni tal-passiġġieri mill-uffiċjal tal-ewwel linja dwar l-għan taż-żjara u dwar il-mezzi ta' sussistenza;

Il-punt ta' qsim tal-fruntiera tal-Port ta' Koper

18. tippjana u timplimenta attivitajiet konġunti internazzjonali u bejn l-aġenziji fuq il-baħar regolarment bi struttura u kompiti ta' koordinazzjoni ċari għal kull aġenzija parteċipanti;
19. tiżgura dokumentazzjoni aħjar tat-taħriġ f'bażi ta' data ċentralizzata aċċessibbli għal-livell maniġerjali tal-punt tal-qsim tal-fruntiera;

20. tiżgura li jsir dejjem taħriġ speċifiku dwar il-kontroll fuq il-fruntiera għall-uffiċjali tal-pulizija qabel ma dawn jingħaqdu ma' għassa tal-pulizija b'kompiti ta' kontroll fuq il-fruntiera;
21. tivvaluta l-livell ta' ħiliet bl-Ingliż tal-uffiċjali tal-pulizija li jwettqu verifiki fuq il-fruntieri u tippjana t-taħriġ meħtieġ abbażi tal-ħtiġijiet u twestaq taħriġ ta' aġġornament bi frekwenza standard;
22. tiżgura li l-uffiċjali tal-pulizija b'kompiti ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu jafu bir-rekwiżiti ewlenin ta' Schengen u jkunu jistgħu jsibuhom f'każ ta' bżonn;
23. tkabbar iż-żona fuq quddiem tal-kabini użati għall-verifiki fuq il-fruntiera tal-bastimenti tal-kruċiera sabiex tippermetti tfassil aħjar ta' profili u proċedura effiċjenti ta' verifika fuq il-fruntiera;
24. tiżgura s-sinjalar korrett skont l-Artikolu 10 (1) u l-Anness III tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;

Il-punt ta' qsim tal-fruntiera ta' Piran

25. iġġib il-proċedura ta' verifika tad-dgħajjes tad-divertiment fil-punt ta' qsim tal-fruntiera ta' Piran f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;

Verifiki fuq il-fruntiera – fruntieri tal-ajru

26. tallinja l-proċeduri għall-verifika ta' titjriet privati mal-Anness VI (punt 2.3.1.) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;

Il-punt ta' qsim tal-fruntiera tal-ajruport ta' Ljubljana

27. tipprovdi l-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità sħiħa mad-Direttiva 2004/82/KE (l-Artikolu 4) sabiex jiġu imposti sanzjonijiet fuq trasportaturi li ma ttrażmettewx l-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri;
28. tiżgura li l-formola biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal verifika bir-reqqa tat-tieni linja jiġu infurmati bl-għan u l-proċeduri tal-verifika tat-tieni linja tkun tinkludi referenza korretta għall-Artikolu 8(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;

29. tiżgura viżibilità aħjar tas-senjalazzjoni jew toħloq korsiji direttament fid-daħla tas-sala, pereżempju bi ħbula jew sinjali fuq l-art, sabiex ittejjeb il-fluss tal-passiġġieri lejn il-kabini tal-wasla u ttejjeb l-illuminazzjoni tas-sinjali fuq il-kabini;
30. tiżgura li l-linja ta' demarkazzjoni quddiem il-kabina fis-sala tal-wasla tiġi rrispettata u li din titqiegħed aktar 'il bogħod mill-kabina;
31. tiżgura komunikazzjoni xierqa bejn l-uffiċjali tal-pulizija u l-passiġġieri (jitkabbar il-vojt fit-tieqa tal-ħġieġ).

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
